# *Messaġġ mill-Arċipriet*



It-tberik tal-familji jasal fit-tmiem fid-19 t'April. Kien hemm xi familji li ċemplu jew avżawna li jridu jbierku f'xi jum differenti minn dak li kellhom miktub. Dawn issa nċemplulhom biex niffissaw jum u ħin għalihom. Jekk qbiżna lil xi ħadd bi żball jista' jkellimna u nirranġaw jum u ħin għalih ukoll. Minn hawn nixtieq niżżik ħajr lil dawk kollha li laqgħu lis-saċerdoti u lid-Djaknu biex jidħlu fi djarkom u jbierku lill-familja u anke biex kellhom l-opportunità li jisimgħukom u jitolbu magħkom. Kif jgħidilna Ġesù stess, "Min jilqa' lilkom ikun jilqa' lili".

Navżawkom li Triq il-Plier, Triq Majża u Triq Inżul il-Franċiżi se jsiru nhar it-Tlieta 16 t'April filgħodu. Dawn kellhom isiru fit-3 t'April imma ma sarux għax is-saċerdot ma setax imur dakinhar.

Nhar it-Tnejn 15 t'April se jkollna magħna lill-Isqof Anton Teuma li se jmexxi l-quddiesa tal-5:00pm. Kulħadd huwa mistieden li jattendi għal din il-quddiesa.



L-Isqof se jiġi wkoll fid-19 tax-xahar fis-6:30pm. Din id-darba biex jiltaqa' mal-ġenituri ta' dawk it-tfal li dis-sena se jirċievu s-sagramenti tal-Ewwel Tqarbina u l-Konfermazzjoni (il-Griżma tal-Isqof)

Minn hawn nixtieq inħeġġeġ lit-tfal u l-adolexxenti biex ikomplu jieħdu sehem fil-laqgħat tat-tagħlim fil-MUSEUM u ċ-Ċentru Parrokkjali.

Kristu Rxoxt jistenniena u jrid jiltaqa' magħna kull nhar ta' Ħadd!

## AVVIŻI:

**FESTA ABBATINI:** dan il-Ħadd 14 t'April fuq iz-zuntier tas-Santwarju Ta' Pinu. Tibda fil-5:30pm. Fl-istess ħin issir laqgħa għall-ġenituri.

**IL-MEMBRI TAL-M.U.S.E.U.M. TAL-BNIET:** javżaw li minn nhar it-Tnejn 15 t'April, il-ħinijiet tal-lezzjonijiet ser ikunu hekk:

Years 1-4 mill-5:00pm sal-5:35pm

Years 5-7 mis-6:00pm sas-6:35pm

Years 8-10 mis-6:00pm sas-6:35pm

**Il-ġranet jibqgħu l-istess.**

**LAQGĦA TA' TALB FUQ L-ISPIRITWALITÀ TA' DUN MIKIEL ATTARD:** nhar l-Erbgħa 17 t'April fil-knisja Bażilika tan-Nadur. Il-laqgħa se titmexxa mill-Kan. D. Reuben Micallef u fiha Leanne Cassar ser taqsam magħna esperjenza ta' interċessjoni ta' Dun Mikiel. Tibda fis-5:45pm. Kulħadd huwa mistieden. Din tkun imxandra wkoll diretta fuq *Mnarjalive*.

**L-GĦAQDA DUN FRANĠISK GRIMA:** tavża li għandha żewġ attivitajiet pjanati:

- Nhar il-Ħamis 25 t'April: Ħarġa Malta fejn immorru l-Palazz il-Belt u l-Armerija. Niltaqgħu ħdejn iċ-Ċentru fis-7:30am. Lura mal-vapur tat-3:00pm.
- Nhar il-Ħamis 2 ta' Mejju se nżuru l-anzjani rikoverati fil-Home ta' San Lawrenz. Wara ninżlu d-Dwejra. Niltaqgħu fid-9:30am ħdejn iċ-Ċentru.

Nitolbukom iċċemplu lil Tonina fuq 21553041 jew 79923153.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am